**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Guramentat Numru:- 488/2023 JVC**

**Joseph Mary Borg (I.D. 307350(M))**

**Vs**

**L-Avukat Generali u**
**L-Avukat ta' l-Istat**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Joseph Mary Borg (I.D. 307350M) li jaqra kif isegwi:

'Illi l-esponent kien tressaq il-qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-imputazzjoni illi f'Gunju 2021 u fix-xhur ta' qabel:

1. Talli bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi delitt u cioe' ghad-detriment ta' Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr.Simon Busuttil L.L.D. u/jew is-sinjura Kristina-Isabellaa Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' Dr. Simon Busuttil L.L.D., persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Profs Victoria Ann Cremona u/jew Dr Simon Busuttil L.L.D. u/jew is-Sinjura Kristina-Isabella Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr.Simon Busuttil L.L.D. u/jew is-Sinjura Kristina Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkagunat lil Profs. Victoria Ann Cremona u/jew Dr Simon Busuttil L.L.D. u /jew lis-Sinjura Kristina Isabella Chetcuti u/jew Alessandra Dee Crespo, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna

jew il-proprjeta ta xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

5. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera L.L.D. nhar it-30 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera L.L.D. nhar it-30 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Illi sussegwentement, ftit xhur wara u waqt il-proceduri fuq imsemmija kienu ghadhom pendenti gie akkuzat fi proceduri separati talli:

1. F'Ottubru 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel jew wara, gewwa dawn il-gzejjer, bil-mezz ta'karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi delitt u cioe' ghad-detriment ta' Dr.Robert Aquilina L.L.D.;

2. Fl-istess dati, hin,lok u cirkostanzi ghamel lil Dr. Robert Aquilina ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi ghamel li Hon. Karol Aquilina ingurji jew theddid, jew jekk ikun ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Fl-istess dati,lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Dr. Robert Aquilina, u b'mod li kien jaf jew li missu

kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Dr. Robert Aquilina;

5. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkanguna lil Dr. Robert Aquilina , il-biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra il- propjeta tieghu jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti , dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu;

6. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' l-Hon.Karol Aquilina persuna nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. F'Ottubru 2021 u/jew fix-xhur ta'qabel jew wara, gewwa dawn il-gzejjer, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi dellitt u cioe' ghad-detriment ta' Profs Kevin Cassar u/jew Dr.Marisa Cassar;

8. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Profs Kevin Cassar u/jew Dr. Marisa Cassar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

9. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li tat fastidju lil Profs Kevin Cassar u/jew Dr.Marisa Cassar, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Profs Kevin Cassar u/jew Dr. Marisa Cassar;

10. Fl-istess dati,  lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Profs Kevin Cassar u/jew Dr.Marisa Cassar, il-biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra il-propjeta tieghu jew kontra il-persuna jew il- propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti,dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

11. F'Mejju , 2020 u/jew fix-xhur ta'qabel jew wara, gewwa dawn il-gzejjer, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi delitt u cioe' ghad-detriment ta' Hon. Ryan Callus;

12. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi ghamel lil Hon.Ryan Callus ingurji jew theddid, jew jekk ikun ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

13. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Hon.Ryan Callus, il-biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra il-propjeta tieghu jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu;

14. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

15. Bejn Mejju 2016 u Marzu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel jew wara, gewwa dawn il-gzejjer, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima hekk jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu

jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi dellitt u cioe' ghad-detriment ta' Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami;

16. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

17. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami;

18. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Hon. Beppe Fenech Adami, il-biza se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra il-propjeta tieghu jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

19. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

20. F'Lulju, 2021 u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel jew wara, gewwa dawn il-gzejjer, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor b'xi delitt u cioe' ghad-detriment ta' Hon. Jason Azzopardi u/jew is-Sinjura Flavia Borg Bonaci;

21. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Hon. Jason Azzopardi u/jew is-Sinjura flavia Borg Bonaci ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

22. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Hon. Jason Azzopardi u/jew is-Sinjura Flavia Borg Bonaci, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Hon. Joseph k/a Beppe Fenech Adami;

23. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Hon. Jason Azzopardi u/jew is-sinjura Flavia Borg Bonaci, il-biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom;

24. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Hon. Jason Azzopardi persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

25. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera L.L.D. nhar it-30 t'Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

26. Sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti t' Malta preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera L.L.D. nhar it-

30 ta' Ottubru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Illi dawn il-proceduri separati gew decizi permezz ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima tas-6 ta' Lulju 2023. Fl-ewwel proceduri huwa instab hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-esponent u kkundannatu ghal tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro ( €800).

Illi fit-tieni proceduri fuq imsemmija l-esponent ukoll gie misjub hati u gie kkundannat ghal piena identika, ossia xahar (12) pringunerija effettiva, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800).

Illi l-esponent qieghed presenzjalment iressaq is-segwenti lezjonijiet.

**A. L-esponent gie misjub hati darbtejn fuq l-istess akkuza ta' recediva**

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-esponent instab hati tar-recediva ghal darbtejn u dan fuq a bazi ta' l-istess sentenzi li kienu inghataw fil-konfront ta' l-esponent.

Illi fis-sentenza ***Fl-Atti tar-Riferenza tad-19 ta' Mejju, 2008,mill-Qorti talMagistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali(Magistrat Dr.Giovanni Grixti L.L.M., L.L.D.) fl-Atti talKawza Fl-ismijiet: Il-Pulizija Vs Nicolai (Nicolai-Christian)Magrin[1]'*** insibu hekk:

[1] Deciza fis-26 ta' Marzu,2009 (Refernza Kostituzzjonali Numru.29/2008).

"Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqis li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif inghad, "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, konsistenti ghalhekk kemm flelement materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per ezempju, min fl-okkazjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta' ta' haddiehor u f'okkazjoni ohra jerga' jaghmel listess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta' ma' jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata" 19. Madankollu, ghall-finijiet ta' stharrig ta' ksur ta' jedd fundamentali- kif inghad aktar qabel – tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"20, l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar"(listess) reat";

Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "The criminal action is distinguished... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act";

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm il-darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li zzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9)

tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-"ligi ordinarja"kif tinsab fil-Kodici Kriminali;"

Illi ma jistax jinghad illi r-recidiva hija sempliciment cirkostanza jew aggravju li trendi l-akkuzi l-ohra aktar onoruzi pero' hija akkuza per se.

Illi ssir referenza ghas-sentenza ***Ir-Repubblika ta' 'Malta vs Darren Debono***[2] fejn il-Qorti , wara li ezaminat il-gurisprudenza dwar ir-recidiva, tenniet is-segwenti:

"Illi l**-akkuza tar-recidiva hija akkuza per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra**. Ghalhekk sabiex il-Qorti ssib htija tal-akkuza tar-recidiva jehtieg li l-prosekuzzjoni tressaq provi dwar dan u dan peress li hemm certi kundizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u pruvati mill-Prosekuzzjoni.Fil-fatt wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva." (enfasi mizjud).

Illi hekk ukoll fil-fatt fis-sentenza ***Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) Vs Rita Zammit***[3] insibu hekk:

"Fil-fatt **r-recidiva hija akkuza u reat per se** li trid tigi provata independentement minn kull reat iehor, huwa reat separat u distint minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kundizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni,

---

[2] Deciza mill-Qorti Kriminali fit-22 ta'Novembru 2022 (Att ta' Akkuza numru 17/2017).

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-21 ta' Mejju 2019(Appell Nru: 477/2017).

tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva." (enfasi mizjud).

Illi ghalhekk ladarba r-ricediva hija akkuza taqa' taht ir-regoli tanne bis in idem u allura wiehed ma jistax jigi misjub hati taghha iktar minn darba dment illi din hija bbazata fuq l-istess sentenzi u mhux sentenzi godda li ma kienux ikkonsidrati qabel ai fini ta' recicivita'.

**B. L-esponent gie misjub hati darbtejn fuq akkuza li kiser l-istess ordni ta' probation.**

Illi f'kull wahda miz-zewg sentenzi l-esponent instab hati li kiser probation moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera L.L.D. nhar it-30 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi jekk l-intimati jistghu jippruvaw jissottomettu illi r-recidivita' mhix akkuza pero' addebit zgur illi dan ma jista' qatt japplika ghall-akkuza ta' ksur ta' probation.

Illi ghalhekk dak u fuq sottomess fir-rigward ta' res judicata japplika aktar u aktar vis-a'-vis l-akkuzi ta' ksur tal-ordni ta' probation.

Illi apparti minn hekk meta Qorti tittratta dwar il-ksur ta' probation il-Qorti trid tara x'kienu l-akkuzi originali li taw lok ghal tali ordni u terga' tistabbilixxi l-piena ghal tali akkuza kuntrarjament ghal dak li ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz.

**C. L-esponent gie rinfaccat b'zewg proceduri separati minflok jizdiedu l-akkuzi fl-istess proceduri.**

Illi apparti minn hekk il-proceduri fuq elenkati jikkoncentraw reati li saru fl-istess perjodu ta' zmien. Madankollu l-prosekuzzjoni ghazlet li tressaq lill-esponent fi proceduri separati. Dan ippregudika lill-esponent ghaliex ma setax jigi applikat l-artikolu 17 tal-Kap. 9 ossia dik li titratta dwar konkors ta' reati u ta' pieni. Issir referenza partikolari ghall-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 li jghid hekk:

"(b) persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaghtu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' persunali, tigi ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. "

Illi hija biss il-prosekuzzjoni illi tista' tiddetermina liema reati jigu abbinati f'akkuza wahda u l-prosekuzzjoni ghandha mano libera f'dan is-sens u l-unika restrizzjoni hija dik tar-res judicata f'kaz ta' reati li jemergu mill-istess fatti.

Illi l-esponent ma huwa moghti l-ebda dritt illi jaghzel li jikkombina diversi reati, anke jekk konnessi, fi proceduri kriminali unici.

Illi in effetti dan tant hu minnu illi fl-artikoli li jittrattaw l-Att ta' l-Akkuza wiehed isib l-artikolu 591 tal-Kap. 9 jghid hekk:

"Akkuzi kontra zewg persuni jew aktar bhala awturi jew komplici fl-istess reat, jew bhala hatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistghu jingiebu f'att ta' akkuza wiehed u iggudikati kollha fl-istess kawza, ghalkemm xi wiehed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri."

Illi anke hawn huwa biss l-Avukat Generali li huwa moghti d-dritt illi jabbini numru ta' akkuzi konnessi bejniethom f'Att ta' Akkuza wahda.

Illi dan certament johloq sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni. B'analogija ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Rafal Zelbert**[4] fejn il-Qorti diga' kellha okkazjoni ssib ksur f'kaz fejn l-Avukat Generali kellu diskrezzjoni dwar l-ezitu ta' proceduri kriminali. Qed jigi citat is-segwenti bran:

"Kwindi, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb il-kwezit tal-Qorti Kriminali fis-sens li ssib li l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 ( li jaghtu diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddeciedi jekk akkuzat ghandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali) jivvjolaw f'dan il-kaz l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"

Illi finalment issir referenza ghas-sentenza fi proceduri ta' referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) Vs Joseph Muscat**[5]fejn il-Qorti tenniet hekk:

"Ser ikun hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal- Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja bil-fatt illi, abbazi tal-Artikolu 595 tal-Kodici Kriminali (Kap 9), hija prerogattiva esklussiva tal- Prosekuzzjoni li titlob illi d-disgha kawzi migjuba kontra Joseph Muscat jigu mghaqqdin flimkien, u dan ed eskluzjoni jew tal-Qorti 'ex ufficio', jew fuq talba tal-appellant, liema ksur iwassal ghall-vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh

[4] Deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Mejju,2014 (Rikors Numru.103/2013).

[5] Deciza m ill-Prim Awla fit-12 ta' Dicembru 2022 (Rikors Numru 179/2022 FDP).

xieraq minhabba f'disparita' fl-armi, fejn l-akkuzat ser jispicca jbaghti pregudizzju u jigi kkundannat ghal piena aktar severa minn dik applikabbli li kieku l-akkuzi gew maghqudin.

Bhala rimedju ghal tali ksur, din il-Qorti, bis-setghat moghtija lilha mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tistieden lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex, 'ex ufficcio' , tordna li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-akkuzat Joseph Muscat, elenkati aktar 'il fuq ,jigu maghqudin flimkien biex jigu ggudikati lkoll flimkien bhala reat kontinwat, a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (Kap 9)."

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara li l-fatt illi fis-sentenzi hawn fuq imsemmija kontra l-esponent ossia fiz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mil-Magistrat Dr.Astrid May Grima tas-6 ta' Lulju 2023 huwa instab hati darbtejn li huwa recediv u dan dejjem a bazi ta' l-istess sentenzi precedenti, u apparti minn hekk instab hati wkoll darbtejn ta' ksur ta' ordni ta' probation u dan jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluz illi tirriforma tal-pieni inflitti f'dawn is-sentenzi hawn fuq imsemmija fis-sens illi titnaqqas dik il-parti tal-piena inflitta f'kull sentenza li hija abbinata ma' l-akkuza tar-

recediva u ma' l-akkuza ta' ksur ta' ordni ta' probation jew occorrendo, billi tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tirriforma l-piena inflitta.

iii) Tiddikjara illi minhabba illi l-esponent, dwar l-akkuzi konnessi u kommessi fl-istess perjodu li tressaq dwarhom fil-proceduri hawn fuq enekati, ma setax jitlob illi jitressaq fuq dawn l-akkuzi fi proceduri kriminali unici u b'hekk ma setax jibbenefika mill-provedimenti ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 jilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u kif ukoll l-artikolu 7, u artikoli 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

iv) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluz tirriforma tal-pieni inflitti f'dawn is-sentenzi hawn fuq imsemmija fis-sens illi jigi applikat ghall-proceduri kollha, u r-reati li ghalihom instab hati f'dawn il-proceduri, l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 jew occorendo, billi tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tirriforma l-piena inflitta.

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-esponent Avukat Ġenerali teċċepixxi illi hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi preliminarjament ukoll u bla ħsara għall-premess, jekk jirriżulta li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li kienu a dispożizzjoni tiegħu, l-esponenti umilment jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante li ġie intavolat appell mir-rikorrent miż-żewġ sentenzi li dwarhom qiegħed jilmenta li għadhom ma ġewx deċiżi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tistħarreġ dak li ġara fil-kors tal-proċeduri fit-totalita' tagħhom stante li l-appelli għadhom pendenti;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment dwar l-addebitu tar-reċivida, l-esponenti iwieġbu li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma huwiex applikabbli. L-argument tar-

rikorrent li wieħed ma jistax jiġi misjub ħati tar-reċidiva iktar minn darba, dment li din hija bbażata fuq l-istess sentenzi u mhux sentenzi ġodda li ma kienux ikkonsidrati qabel ai fini ta' reċidività ma jreġġix. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Steven Zahra'**[6]: *'L-effett tar-reċediva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita darbtejn fuq xi reat anteċedenti li fuqu tkun ġà ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti.*

*Ir-reċediva fil-fatt hija ċirkostanza merament personali, u ma għandha ebda referenza ghall-kontenut objettiv la tar-reat preċedenti u lanqas tar-reat attwali, billi l-awment fil-piena bħala effett tar-reċediva mhux inflitt għall-ewwel reat, li l-piena tiegħu ġà ġiet espijata jew kundannata. Lanqas dan l-awment mhu inflitt għar-reat attwali li baqa' l-istess fil-kontenut materjali tiegħu. L-awment fil-piena għandu rapport biss mal-personalità tal-ħati u jsib ir-raġuni tiegħu fil-persistenza tal-ħati fid-delinkwenza';*

6. Illi bla ħsara għas-suespost, referenza ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet il-'**Pulizija vs Vincent Xuereb'**[7]**,** fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi *'r-reċidiva mhix ir-reat per se iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat'* u irreferiet għall-Manuale di Diritto Penale fejn intqal illi-: *'La recediva e' una circostanza del reato: in particolare si tratta di una circostanza aggravante soggettiva, e piu' precisamente una circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole'*;

[6] Deċiża fis-26 ta' Mejju, 1998.

[7] Deċiża fis- 16 ta' Mejju 2023.

7. Illi għalhekk isegwi illi l-iskop tal-addebitu tar-reċidiva, huwa deterrent sabiex persuna li instabet ħatja ma terġax tikkometti reat. Filwaqt li huwa minnu li l-addebitu tar-reċidiva trid tiġi pruvata u dan a tenur tal-Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reċidività hija ċirkostanża li twassal għal piena biex tiġi miżjuda bi grad. Għalhekk l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma humiex applikabbli meta si tratta tal-addebitu tar-reċidiva. Għaldaqstant, ma huwiex il-każ li wieħed ma jistax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva iktar minn darba u li ma jistgħux jiġu kkunsidrati l-istess sentenzi ai fini ta' reċidività. Għaldaqstant, il-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma huwiex applikabbli u konsegwentement, m'hemmx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar l-ilment tar-rikorrent li instab ħati darbtejn fuq akkuża li kiser l-istess ordni ta' probation, dan l-argument lanqas ma jreġi. Dan m'huwiex każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fiż-żewġ sentenzi in kwistjoni trattat miegħu daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha u konsegwentement imponiet piena darbtejn għall-istess ksur. Il-Qorti tal-Maġistrati m'għamlet xejn minn dan stante li ma trattat miegħu fl-ebda minn dawn iż-żewġ sentenzi dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation u sempliċiment sabitu ħati tal-akkużi miġjuba kontrih wara li ammetta. Għaldaqstant, il-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma huwiex applikabbli lanqas f'dan il-każ u konsegwentement, m'hemmx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar il-kumment tar-rikorrenti li *"apparti minn hekk meta Qorti titratta dwar ksur ta' probation il-Qorti trid tara x'kienu l-akkużi oriġinali li ta lok għal tali ordni u terġa tistabbilixxi l-piena għal tali akkuża kuntrarjament għal dak li għamlet il-Qorti f'dan il-każ"* dejjem setgħa jqajjem din il-kwistjoni fl-istadju tal-appell u mhux f'kawża ta' natura kostituzzjonali;

10. Illi bla ħsara għas-susespost, huwa assolutament mhux minnu li s-sentenzi kwotati fir-rikors promotur tar-rikorrent **kienu jirrelataw dwar akkużi konnessi u kommessi fl-istess perjodu.** Kif ser jintwera f'iżjed dettall fil-mori tal-proċeduri odjerni, ir-reati in kwistjoni kienu kommessi f'perjodi differenti u kienu, fost affarijiet oħra, kommessi a detriment ta' vittmi differenti;

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa assurd illi r-rikorrent bħal donnu jippretendi li l-prosekuzzjoni ser toqgħod tistennih iwettaq reat ieħor qabel ma tmexxi fil-konfront tiegħu u dan sabiex taqqadlu l-akkużi kollha fi proċeduri uniċi bl-intendiment li jibbenefika minn mitigazzjoni ta' piena. Huwa kompletament mhux loġiku li l-prosekuzzjoni timxi bil-mod u manijiera illi r-rikorrent qiegħed jippretendi f'dawn il-proċeduri. Huwa inkonċepibbli u impossibbli li l-prosekuzzjoni tressaq lir-rikorrent fi proċeduri uniċi għar-reati kollha li wettaq meta huwa il-ħin kollu ixellef difrejgħ mal-liġi. Anzi, jekk wieħed jara s-sentenzi li jikkwota r-rikorrent stess, wieħed mall-

ewwel jinduna li fejn il-prosekuzzjoni setgħet u fejn kien possibbli, il-prosekuzzjoni għaqdet ċertu akkużi flimkien;

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diskrezzjoni vestita fil-prosekuzzjoni hija neċessarja fil-qadi tal-funzjoni tal-istess prosekuzzjoni li għal dan l-iskop bilfors jrid jitħalla ammont ta' latitudni għal mod kif għandha tqis li tiproċedi fl-aħjar interess tal-ġustizzja in partikolari u tas-soċjeta' in generali;

13. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi d-dritt ta'smigħ xieraq joffri garanziji proċedurali u mhux dritt sustantiv kif qiegħed jittenta jargumenta r-rikorrenti jew xi garanzija dwar imposizzjoni ta' piena jew kif jiġu preżentati akkużi fil-konfront tiegħu. Dan id-dritt jolqot u jirregola l-andament tal-proċeduri u mhux il-piena per se. Id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni li tressaq lir-rikorrent fi proċeduri separati ma jinċidi xejn fuq kif imxew dawk il-proċeduri. Ġialadarba huwa kellu s-salvagwardji proċedurali kollha, ma jistax jirriżulta illi hemm leżjoni tal-aritkolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-arikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

14. Illi bla ħsara għas-susespost, jiġi eċċepit illi l-parita tal-armi marbuta mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni hija msejjsa fuq il-bilanċ li għandu jkun hemm fl-andament tal-proċeduri, minn x'ħin l-imputat jiġi adebitat bil-*criminal charge*. Il-parita' ta' l-armi pero ma tagħtix lil ħati dritt jiddetermina hu x'piena għandu jeħel sakemm din hija waħda li taqa' fl-ambitu tal-liġi;

15. Illi bla ħsara għas-suespost, il-fatt illi l-prosekuzzjoni u d-difiża għandhom rwol differenti u drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-*equality of arms*, u dan hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri;

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi umilment sottomess illi fil-proċeduri relatati mas-sentenzi ikkwotati mir-rikorrent, ir-rikorrent għażel hu, li minn jeddu jirreġistra ammissjoni u dan meta kien ferm prevadibbli għalih x'kienet il-piena massima tar-reati lilu adebitati u meta kien ben konsapevoli tal-fatt li l-akkużi kienu miġjuba kontrih fi proċeduri separati;

17. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi l-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġiex implimentat fil-liġi Maltija (u ċioe fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk ma jistax jiġi invokat mir-rikorrent stante li m'huwiex esegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta. Għalhekk, kwalunkwe talba ibbażata fuq dan l-artikolu ma tistax tintlaqa';

18. Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ċertament m'hemmx diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent ai terimini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Sabiex ir-rikorrent jkun jista' jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jeħtieġ li jippruva li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed

diskriminatorju. Huwa manifest li kull persuna oħra li tinsab jew tista tinsab fil-pożizzjoni tar-rikorrent ma tistax titlob hi stess sabiex jingħaqdu akkużi kriminali separati fi proċeduri uniċi. Għalhekk, ir-rikorrent ma jistax jargumenta li huwa ġie b'xi mod żvantaġġat meta mqabbel ma ħaddiehor għaliex dak il-ħaddieħor ġie u qiegħed jiġi trattat eżattament bħalu. Dan japplika ukoll għall-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 12 tal-Konvenzjoni;

19. Illi bla ħsara għas-suespost, ir-rikorrent jallega ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jiġi eċċepit illi in vista tal-fatt li dan l-artikolu jitratta dwar sejbien ta' ħtija minħabba att jew ommissjoni li ma jikkostitwixxix reat kriminali fil-ħin meta jkun sar u dwar meta tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar, ċertament ma japplikax għall-każ odjern u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha;

20. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu t-talbiet sabiex din l-Onorabbli Qorti tirriforma l-pieni inflitti fis-sentenzi li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, u ċioe' sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena jew li l-atti jiġi rimandati lura lill-Ewwel Qorti biex tirriforma l-piena inflitta, l-esponenti iwieġbu li dawn ma jistawx jintlaqgħu stante li s-sentenzi tal-Ewwel Qorti għadhom m'humiex *res judicata* in vista tal-fatt li r-rikorrent stess appella minnhom u għalhekk tali talbiet huma improponibbli;

21. Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, isegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

22. Illi in vista ta' dak kollu suespost, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u r-rikorrenti għandu jerfa r-responsabbilta' għal dan, inkluż li jiġi żvestit mid-dritt li jappella d-deċiżjoni eventwali mogħtija fil-kawża odjerna u dan kif elenkat fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni.

23. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.'

Rat l-atti tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent msemmija fir-rikors promotur;

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Marzu, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent Joseph Mary Borg jirrizulta li tressaq darbtejn akkuzat b'atti simili ghal xulxin izda fil-konfront ta' vittmi diversi

kif fil-fatt suespost fl-istess rikors tieghu. Ir-rikorrent tressaq l-ewwel darba f'Novembru 2021 akkuzat bir-reati seusposti fil-konfront ta' numru ta' nies. Madwar hdax-il xahar wara huwa rega' tressaq b'akkuzi simili izda fil-konfront ta' persuni vittmi diversi. Mhux kontestat li r-rikorrent ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu fiz-zewg kazijiet u gie kundannat ghal kull kaz multa ta' €800 u xahar prigunerija effettiva. Jirrizulta li r-rikorrent appella miz-zewg decizjonijiet u l-appelli jinsabu pendenti jistennew l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali odjerni.

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrent iressaq tlett' ilmenti kif isegwi:

(a) L-ewwel ilment tieghu huwa fir-rigward tal-fatt li skont hu gie misjub recidiv fiz-zewg sentenzi konsegwenza tal-istess sentenza. Huwa jsostni li ladarba r-recidiva hija akkuza, din taqa' taht ir-regola tan-*ne bis in idem* u allura wiehed ma jistax jigi misjub hati taghha iktar minn darba dment illi din hija bbazata fuq l-istess decizjoni precedenti.

(b) Ir-rikorrent jilmenta wkoll li huwa gie misjub hati darbtejn fuq akkuza li kiser l-istess ordni ta' 'probation'.

(c) Jilmenta wkoll li gie rinfaccat b'zewg proceduri separati minflok zdiedu l-akkuzi fl-istess proceduri. Izid illi z-zewg proceduri jikkoncernaw reati li saru fl-istess perjodu ta' zmien izda l-prosekuzzjoni ghazlet li tressaq lir-rikorrent fi proceduri separati. Skont ir-rikorrent dan ippregudikah ghaliex ma setax jigi applikat l-artikolu 17 tal-Kap. 9, Kodici Kriminali ossia dik li titratta dwar konkors ta' reati u ta' pieni.

Ir-rikorrent ghalhekk jitlob li din il-Qorti ssib li gew lezi drittijiet fundamentali tieghu fit-termini ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u kif ukoll l-artikolu 7, u artikoli 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea u jitlob li din il-Qorti taghti rimedji fosthom li tordna r-riduzzjoni tal-pieni mposti.

L-intimati da parti taghhom fl-ewwel lok jeccepixxu li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittu f'dawn il-proceduri stante li ma jirraprezentax lill-Istat. Fil-mertu jsostnu l-intempestivita tar-rikors odjern, li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji, li fi kwalunkwe kaz l-ilmenti tar-rikorrent m'humeix gustifikati anzi huma frivoli u vessatorji u jitolbu li din il-Qorti tichad l-istess. Jeccepixxu wkoll li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea m'ghandux applikazzjoni ghall-kaz odjern filwaqt li l-ewwel artikolu tal-protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea ghalkemm ratifikat qatt ma gie mplimentat fil-ligi Maltija.

Illi bhala provi l-Qorti rat l-atti kollha tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent msemmija fir-rikors promotur kif annessi mal-process odjern;

Semghet u rat **ix-xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis moghtija nhar l-1 ta' Frar, 2024.** Huwa jixhed li minn rapporti li dahlu minn Dr. Robert Aquilina u Dr. Carol Aquilina dwar ittri anonimi huwa nnota l-istesss *modus operandi* f'rapporti li kienu gia saru mal-pulizija minn persuni ohra wkoll dwar ittri anonimi allura ghaqqdu l-investigazzjoni. Mill-investigazzjonijiet waslu ghar-rikorrent Joseph Mary Borg u ghalhekk proceda sabiex talab il-hrug ta' mandat mill-Magistrat tal-Ghassa sabiex ikun jista' jmur jinvestiga fir-residenza ta' Joseph Mary Borg. Izid li fit-23 ta' Novembru, 2021 kien gie nterrogat ir-rikorrent li kollabora u

rrilaxxa stqarrija.  L-ghada dahal rapport ukoll minn Dr. Jason Azzopardi u Flavia Borg Bonaci fuq ittri ricevuti minnhom.  Jghid li prima facie kien evidenti li l-ittri gew mill-istess sors allura regghet saret interrogazzjoni ohra ma' Joseph Mary Borg fejn din id-darba gie mistoqsi specifikatament jekk kienx hemm ittri ohra oltre dawk li l-pulizija gia kellhom rapport dwarhom u dan irrisponda li le.  Sa dak iz-zmien ix-xhud ma kienx jaf bl-ezistenza ta' ittri ohra allura ma setghax jaffronta lir-rikorrent bihom.  Kull rapport li l-Pulizija kellha sa dakinhar gie nvestigat u r-rikorrent gie mistoqsi fuqhom w'allura gew kollha mnizzla fl-istess 'charge' fejn tressaq nhar l-24 ta' Novembru, 2021.

Mistoqsi konsegwentement ghalfejn rrizultaw zewg 'charge sheets' jghid li dahal rapport gdid fi Frar 2022 minn Dr. Simon Busuttil li izda seta' jinzel Malta f'Marzu 2022.  F'Marzu kienu gew f'idejh l-ittri ta' Dr. Simon Busuttil. Meta sehh dan bdew dehlin aktar rapporti fosthom mill-Profs Victoria Anne Cremona. Dan kien Marzu/April 2022.  Meta sar maghruf li hu kien qed jaghmel dawn l-investigazzjonijiet resqu aktar nies jirrapurtaw fosthom ukoll Alexandra De Crespo.  Waqt li qed jinvestiga dawn kienu gia nfethu l-proceduri kontra r-rikorrent lura f'Novembru 2021.  Jghid li ghalkemm viswalment kienu jidhru li possibilment kienu gejjin kollha minghand ir-rikorrent, kien qed jistenna l-prova forensika li tikkonferma dan.  Meta gabar il-provi kollha huwa ressaq lir-rikorrent ghat-tieni darba b'citazzjoni f'Ottubru 2022.  Dawn kienu jikkoncernaw cirkostanzi u vittmi differenti minn dawk tal-ewwel akkuzi.  Izid li hu xtaq jghaqqad iz-zewg 'charge sheets' flimkien izda legalement ma setax jaghmilha ghaliex la darba jghaqqad l-akkuzi dawn kellhom jergghu jinqraw u hafna mill-akkuzi li r-rikorrent tressaq bihom f'Novembru 2021 kienu jigu preskritti.  Ghalhekk huwa bl-ebda mod ma ried

jippregudika l-ewwel kaz li kien gia beda javvanza. Kien ghalhekk li hu ressaq akkuzi godda.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjoni tal-Legittimu kontradittur:-**

Illi l-Avukat Generali ssostni li mihiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni. Din il-Qorti rat li l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent jinsabu fi stadju ta' appell u bhala l-prosekutur l-Avukat Generali huwa direttament involut fil-proceduri. Ir-rikorrent da parti tieghu jitlob rimedju minn din il-Qorti f'kaz li, *dato ma non concesso,* tilqa' t-talbiet tieghu. Fost dawn ir-rimedji jitlob li jigu ridotti l-pieni jew b'xi mod ikun hemm indhil fil-proceduri kriminali minn din il-Qorti. Huwa ghalhekk car f'ghajnejn din il-Qorti li l-Avukat Generali huwa direttament involut u f'kaz li din il-Qorti tordna rimedju il-probabilta' hi li jkun l-Avukat Generali stess li jrid iwettaq ir-rimedju jew jissokkombi ghalih. In vista ta' dan il-Qorti tqis li l-Avukat Generali ghandu nteress f'dawn il-proceduri w'ghalhekk huwa wkoll legittimu kontradittur. Il-Qorti ghalhekk ser tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**Intempestivita' u non ezawriment tar-rimedji ordinajri:-**

Illi sakemm ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tvarja s-sentenzi kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi m'humiex gudikat stante li sar appell minnhom li ghadu pendenti, din il-Qorti tqis li l-eccezzjoniet tal-intimati li r-rikors

odjern huwa intempestiv u li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji mir-rikorrent bhala gustifikati.

Illi izda oltre minn hekk ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti ssib li tul il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew lezi b'xi mod id-drittijiet fundamentali tieghu u jitlob rimedji ulterjuri apparti r-riduzzjoni fil-piena mposta. Illi huwa ben saput li hija din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li hija munita bil-poter li tistharreg ilmenti ta' allegat lezjoni ta' drittijiet fundamentali u l-ebda Qorti ohra ghalhekk minn dan il-lat il-bqija tat-talbiet tar-rikorrent m'humiex la intempestivi u lanqas jistghu b'xi mod jigu risolti b'rimedji ordinarji. Anzi jirrizulta li jekk din il-Qorti, *dato ma non concesso*, tilqa' xi talbiet tar-rikorrent allura possibilment dawn jaffetttwaw l-andament tal-proceduri kriminali li ghadhom pendenti fil-konfront tieghu. Ghalhekk f'dan ir-rigward biss il-Qorti ser tichad l-eccezzjonijiet tal-intempestivita u non esawriment tar-rimedji ordinarji.

**Mertu tat-talbiet:**

**a) Recidiva:-**

Illi fl-ewwel ilment tieghu r-rikorrent jallega li gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ghaliex permezz ta' zewg sentenzi separati huwa nstab hati ta' recidiva mill-istess decizjoni b'dana li jsostni li sehh ksur tal-principju tan-*ne bis in idem*. Ir-rikorrent jargumenta li r-recidiva hija akkuza distinta mill-bqija tal-akkuzi u li kellhom jitressqu l-provi dwar l-istess u li ma setghax jigi misjub hati darbtejn ta' recidiva fiz-zewg sentenzi stante li marbutin mal-istess kundanna precedenti.

L-intimati da parti taghhom ma jaqblux mal-argument tar-rikorrent. Isostnu li filwaqt li verament huwa minnu li l-akkuza tar-recidiva trid tigi debitament ippruvata, l-akkuza tar-recidiva hija ntiza bhala deterrent fil-konfront tal-akkuzat sabiex ma jergax iwettaq reati ohra b'dana li jekk dan isehh allura jigi punti b'mod aktar sever. Fil-kaz odjern isostnu li r-rikorrent, wara li nstab hati, mhux talli wettaq reat wiehed izda wettaq diversi reati fil-konfront ta' diversi vittmi fuq perjodu ta' zmien w'ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet korretta li sabitu hati ta' recidiva fiz-zewg sentenzi.

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li r-rikorrent ammetta l-akkuzi fiz-zewg proceduri msemmija fir-rikors tieghu. Jirrizulta ghalhekk li kien l-istess rikorrent li ammetta l-akkuza tar-recidiva fiz-zewg proceduri w'ghalhekk ma tistax tifhem kif wara li giet irregistrata l-ammissjoni, anki wara li gie debitament imwissi bil-konsegwenzi, qed jipretendi li ma jinstabx hati tar-recidiva la darba kienet wahda mill-akkuzi. Fi kwalunkwe kaz dan huwa argument li facilment seta' jitqajjem bhala aggravju fl-appell quddiem il-Qorti Kriminali u mhux fi proceduri ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali.

Illi apparti s-suespost il-Qorti rat mill-atti kriminali annessi li z-zewg 'charges' mahruga fil-konfront tieghu jikkoncernaw atti distinti u separati minn xulxin maghmula mir-rikorrent fil-konfront ta' vittmi differenti fi granet differenti. Jirrizulta ghalhekk li mhux talli d-decizjoni precedenti fil-konfront tieghu ma zammitux lura milli jwettaq reat iehor, talli b'indifferenza assoluta ghall-kundanna precedenti wettaq diversi reati separati u distinti minn xulxin. Kif inghad l-ghan tal-istitut tar-recidiva huwa li jkun hemm deterrent fuq l-akkuzat li ma jwettaqx reat iehor,

f'dan il-kaz ir-rikorrent wettaq bosta reati mhux wiehed w'ghalhekk ghamlet sew il-Qorti tal-Magistrati li sabitu hati ta' recidiva fiz-zewg sentenzi stante li evidentement id-deterrent ma hadimx fuq ir-rikorrent, mhux darba izda ghal diversi drabi. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-eccezzjoni tal-intimati li fil-kaz tar-recidiva ma japplikax il-principju tan-*ne bis in idem* kif qed jippretendi r-rikorent hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess. Konsegwentement il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent kif marbuta mas-sejba tal-htija dwar ir-recidiva.

b) Allegazzjoni li nstab hati darbtejn fuq akkuza li kiser l-istess ordni ta' 'probation':

Illi l-Qorti tqis li l-argument suespost dwar ir-recidiva japplika wkoll fil-kaz tal-ordni ta' 'probation'. In oltre taghmel referenza ghal dak espost mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom kif isegwi:

'Dan m'huwiex kaz fejn il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura) fiz-zewg sentenzi in kwistjoni trattat mieghu daqs li kieku kien gha.du kemm gie dikjarat hati quddiemha u konsegwentement imponiet piena darbtejn ghall-istess ksur. Il-Qorti tal-Magistrati m'ghamlet xejn minn dan stante li ma trattat mieghu fl-ebda minn dawn iz-zewg sentenzi dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation u semplicement sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontrih wara li ammetta.'

Illi din il-Qorti rat li fiz-zewg akkuzi r-rikorrent giet akkuzat apparti l-akkuzi fil-konfront ta' diversi individwi, li kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' 'probation' moghtija fit-30 ta' Ottubru, 2018. Il-Qorti rat li l-istess rikorrent ammetta wkoll ghal din l-akkuza fiz-zewg proceduri ghalkemm kienu separati

w'ghalhekk ghal darb'oha ma tistax tifhem kif ir-rikorrent konsegwentement qed jippretendi li l-Qorti tal-Magistrati kellha taghmel mod iehor ghajr li ssibu hati la darba ammetta. Fi kwalunkwe kaz huwa minnu li fiz-zewg kazijiet huwa wettaq reati separati u distinti li permezz taghhom huwa kiser diversi okkazzjonijiet l-ordni ta' 'probation' mposta fuqu w'ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrent li nstab hati darbtejn fuq l-istess oggett stante li l-ksur tal-ordni sehh aktar minn darba. Illi fi kwalunkwe kaz il-Qorti tqis li dwar dan l-ilment ir-rikorrent kellu wkoll kull opportunita' li jqajjmu fl-appell ghalhekk kellu rimedju ordinarju dwar l-istess u mihiex kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan l-ilment.

c) L-ilment li r-rikorrent gie rinfaccat b'zewg proceduri separati minflok zdiedu l-akkuzi fl-istess proceduri bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap. 9, Kodici Kriminali, Ligijiet ta' Malta:

Illi l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali jipprovdi dwar il-konkors ta' reati u pieni. Ir-rikorrent jargumenta li kieku l-akkuzi kollha tressqu permezz ta' 'charge' wahda allura huwa kien jehel anqas piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Jargumenta li l-fatt li l-akkuzat m'ghandux il-fakulta' li hu stess jaghzel li jitressaq b'charge' wahda u mhux aktar sabiex japplika l-artikou 17 favur tieghu huwa bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax ma tergax tfakkar li kien ir-rikorrent stess li ammetta ghall-akkuzi kollha fiz-zewg 'charges'. Jekk ir-rikorrent ma kienx qed jaqbel mal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu allura kellu ma jammettix u minflok jqajjem l-

argumenti tieghu nkluz dawk legali. Dawn l-argumenti wkoll setghu jitqajjmu bhala aggravji fl-appell.

Illi fil-mertu l-Qorti semghet u rat ix-xhieda tal-Ispettur Kevin Pulis li xehed kjarament li ma setghetx tinhareg 'charge' wahda ghaliex meta tessaq l-ewwel darba f'Novembru 2021 il-pulizija kienet ghadha ma tafx li kien hemm allegati reati ohra li wettaq ir-rikorrent. Fil-fatt irrizulta li lahqu ghaddew bejn tlett xhur u erba' meta saru rapporti ohra minn terzi dwar ittri rcevuti minnhom u li dehru li kienu bl-istess *modus operandi* tar-rikorrent. Kif xehed l-istess Spettur Kevin Pulis huwa ressaq lir-rikorrent bit-tieni 'charge' fil-mument li kellu l-evidenza kollha f'idejh u ghalkemm ma kellu l-ebda problema li jzid mac-'charge' precedenti, kieku ghamel hekk kien jispicca li l-ewwel akkuzi hafna minnhom jaqghu preskritti. Kien ghalhekk li tressqu l-akkuzi l-godda b'reati allegatament mwettqa fi granet u kontra vittmi differenti minn dawk tal-ewwel 'charge' permezz ta' 'charge' differenti f'Ottubru 2022.

Illi ghalkemm verament id-diskrezzjoni jekk titressaqx akkuza wahda jew aktar fil-ligi hija diskrezzjoni tal-Pulizija, din il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni, fil-kaz odjern, ma setghetx taghmel mod iehor ghajr li tressaq lir-rikorrent permezz ta' zewg 'charges' separati ghar-ragunijiet kif spjegati mix-xhud l-Ispettur Kevin Pulis. Huwa inkomprensibbli kif ir-rikorrent qed jippretendi li din il-Qorti ttih ragun meta skont hu l-pulizija ghandha toqghod tistenna li xi darba jitfacca xi hadd iehor b'xi rapport iehor qabel ma tressaq fuq ir-reati li gia tkun taf bihom bil-periklu li uhud mill-akkuzi jaqghu preskritti. L-argument tar-rikorrent seta' jaghmel sens li kieku l-pulizija kienet gia taf bir-reati kollha u ghazlet li ma tressqux b'charge' wahda li mhux il-

kaz odjern. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan l-ilment.

**Frivolu u vessatorju:**

Illi minn dak kollu suespost johrog car kemm l-ilmenti tar-rikorrent fir-rikors odjern ma ghandhom l-ebda bazi legali, aktar u aktar la darba d-decizjonijiet fil-konfront tar-rikorrent inghataw wara ammissjoni tieghu fiz-zewg akkuzi u wisq anqas ghalhekk jekwivalu ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif allegat. Illi huwa car ghal din il-Qorti li l-proceduri odjerni gew intavolati biss sabiex itawlu l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent u xejn aktar tant li l-proceduri fl-istadju tal-Appell Kriminali gew sospizi *sine die* pendenti decizjoni minn din il-Qorti fuq talba tar-rikorrent. Il-Qorti tqis li l-ilmenti odjerni, kif ukoll sottomess mill-intimati, huma frivoli u vessatorji u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Konkluzjoni:**

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-Qorti tqis li ma sabet l-ebda tracca ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fit-termini tal-artikoli kollha ndikati fit-talbiet tieghu b'eskluzjoni tal-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea li kif tajjeb esponew l-intimati ma jsibx applikazzjoni fil-ligi Maltija u l-artikolu u tal-istess Konvenzjoni li mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeciedi l-ilment kostituzjonali odjern billi tichad l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-legittimu kontradittur u tiddikjara lill-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur, tilqa' l-bqija tar-risposta tal-intimati sakemm din hija kompatibbli ma' dan hawn deciz, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tiddikjara r-rikors odjern bhala frivolu u vessatorju.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Mejju, 2024**